MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 452/2013

**Credorax (Malta) Limited**

**Vs**

**Euro 2024 Limited**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-10 ta’ Mejju 2013, l-attrici ddikjarat u talbet:

1. Illi s-socjeta rikorrenti hi kumpanija licenzjata mill-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta sabiex tipprovdi servizzi ta’ pagamenti ai termini ta’ l-Att Dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap 376 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi permezz ta’ *Merchant Agreement* u cioe’ skrittura privata datata 23 ta’ Mejju 2012 hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok CM1 inkluzi l-addenda ghall-imsemmi ftehim, datati 19 ta’ Lulju 2012 u 23 ta’ Lulju 2012, s-socjeta rikorrenti u s-socjeta intimata, socjeta estera registrata fl-Ingilterra kif mitlub mill-ligi Ingliza, dahlu fi ftehim fejn is-socjeta rikorrenti qablet li tipprovdi s-servizzi taghha hekk kif mnizzla fl-imsemmi ftehim u kif inhuma licenzjati mill-Awtorita, lis-socjeta intimata u dan ghall-hlas kif ifissat fl-imsemmi ftehim;

3. Illi dan il-ftehim jipprovdi wkoll ghall-diversi penali kif ukoll ghall-‘*charge backs’* lejn s-socjeta rikorrenti vis a vis is-servizzi provduti taht dan l-istess ftehim;

4. Illi ai termini ta’ dan l-istess ftehim, illum, s-socjeta intimata hi debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ €90,741.44 ($119,607.56) liema somma hija rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-Authorization Fees, Chargebacks, Chargeback Fees, Merchant Retrieval Fees, Miscellaneous Merchant Debit, Monthly Service Charge, Per Transaction Fee Debit, Refunds u Representment Fee u minn liema somma gew diga debitament mnaqqsa l-ammonti dovuti lis-socjeta intimata ghal ‘*Refunds, Rolling Reserves Released, Pagamenti ohra u Rolling Reserves yet to be released’* u dan kollu ai termini tal-imsemmi ftehim bejn il-partijiet kontendenti. Dan kollu johrog car mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok CM2.

5. Illi nonostante li s-socjeta rikorrenti nterpellat lis-socjeta intimata halli thallas dan l-ammont u dan anki permezz ta’ ittra datata 28 ta’ Settembru 2012 (kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok CM3), is-socjeta intimata baqghet inadempjenti.

6. Illi fil-ftehim msemmi bejn il-partijiet kontendenti ai termini ta’ klawzola 8 gie maqbul li l-ftehim in kwistjoni ghandu jaqa’ taht il-gurisdizzjoni tal-Ligi ta’ Malta u ta’ dina l-Onorabbli Qorti;

7. Illi ghalhekk illum il-gurnata u fid-data tal-prezentata tal-prezenti kawza, is-somma suindikata hija somma certa, likwida u dovuta ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghandha tithallas mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti u wkoll li l-istess socjeta intimata fil-kawza odjerna m'ghandha l-ebda linji difensjonali x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti u b'hekk jezistu c-cirkustanzi kollha kontemplati fl- Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh in kwantu dan jirrigwardja t-talba rikorrenti ghall-hlas.

8. Illi socjeta rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tiddeciedi din il-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligi ta' Malta,

2. Tiddikjara lis-socjeta intimata debitrici favur is-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €90,741.44 ($119,607.56) rapprezentanti bilanc inkorrut ai termini ta' l-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet fit-23 ta' Mejju 2012,

3. Konsegwentament, tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma komplessiva ta' €90,741.44 ($119,607.56) rapprezentanti din is-somma il-bilanc rimanenti mis-socjeta intimata' versu is-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta intimata, li minn issa hija ngunta in subbizzjoni.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta hi notifikata, izda fis-seduta tal-lum hadd ma deher in rapprezentanza taghha u lanqas ma pprezentat nota biex tikkontesta t-talba. Inoltre, id-difensur tal-attrici kkonfermat li mid-data tal-prezentata

tar-rikors guramentat ma giex registrat xi tibdil fir-rigward tal-ammont dovut lill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici u tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma komplessiva ta' €90,741.44, bl-ispejjez kontra l-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------